MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Numru. 1235/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**JOSETTE CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josette Camilleri ta’ 46 sena bint Carmel Camilleri u Theresa Maria nee’ Vella, imwielda Attard fid-19 ta’ Marzu, 1964, u toqghod 62, ‘St. Francis House’, Triq il-Vitorja, Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 210664(M) giet akkuzata talli fi Frar 2009, xjentement ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzata ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokument falz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MC3 u nnutat li l-imputata Josette Camilleri m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata nghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Josette Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputata, tillibera lill-istess imputata Josette Camilleri taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Josette Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------